# L-istorja tal-Istatwa tal-Bambina

## Minsuġa fi ġrajjiet il-Kolleġġjata u Bażilika tal-Isla

**Fabian Mangion**

Il-belt Senglea kellha l-bidu tagħha ftit snin wara l-wasla f'Malta tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, fis-sena 1530. Il-bżonn ta' fortifikazzjonijiet ġodda ġiegħel lill-Gran Mastru Juan d'Omedes jibni l-forti San Mikiel, li ġie inawgurat fit-8 ta' Mejju 1552.

Il-Gran Mastru Claude de la Sengle kompla l-fortifikazzjonijiet u fis-sena 1554 iddikjara l-Isla belt li baqgħet ġġib ismu sal-lum: Senglea. Hu ordna wkoll li l-istemma tal-belt imwaqqfa minnu tkun l-istemma tiegħu stess.

Din il-belt il-ġdida għaddiet mill-prova tad-demm u tan-nar matul l-erba' xhur tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Minn dan l-assedju, l-Isla ħarġet bl-unuri. Għall-almu li wriet u għat-taqbid kbir li għamlet, stħoqqilha li l-Gran Mastru Jean Parisot de Valette jagħtiha t-titlu ta' *Civitas Invicta*.

L-abitanti ta' din il-belt ħasbu biex bnew tempju bħala ħajr għar-rebħa. Billi din ġiet nhar t-8 ta' Settembru, huma ddedikaw din il-knisja lill-Madonna fit-twelid tagħha u fuq il-faċċata tiegħu, naqqxu l-kelmiet *Monumentum Insignis Victoriæ MDLXV*.

Fl-1581, l-Isla nħatret Parroċċa għaliha. L-ewwel Kappillan tagħha kien Dun Anton Di Nicolaci.

### L-istatwa tasal l-Isla

Għalkemm iż-żmien kien qed igerbeb u l-Isla kienet diġà mmexxija minn Dun Cosmo Talavera (it-tielet kappillan), f'din il-parroċċa kien għad ma hemm l-ebda statwa tal-Bambina. Kien b'mod xejn tas-soltu li l-istatwa ta' Marija Bambina, fis-sena 1618, daħlet fil-belt tal-Isla. Oriġinarjament, din l-immaġni tal-Madonna minquxa fl-injam kienet tifforma parti minn ornament fil-poppa ta' xini kbir, u li iżda tfarrak fil-qilla tal-mewġ qrib il-Kroazja tal-lum.

Il-fdalijiet ta' dan il-galjun, flimkien ma' din ix-xbieha, instabu minn xini ta' kaptan mill-Awstrija. B'xorti tajba, dak il-kaptan kellu miegħu żewġ passiġġieri mill-Isla. Dawn ħajruh b'ħeġġa kbira sakemm waslu jikkonvinċuh biex jirregala dik ix-xbieha lill-Isla: parroċċa mingħajr statwa titulari. Il-kappillan Talavera, flimkien mal-kleru u l-poplu Senglean, laqa' b'ferħ kbir dik l-istatwa, li malajr intrabtet ma' qalb kulħadd.



Ritratt tal-aħħar snin tas-seklu 19. Il-Bambina tidher imżejna b'raġġiera tal-fidda (1874) u mqiegħda fuq pedestall skulturat fl-injam minn Mariano Gerada (1804)

Fil-pront, fil-ġenb tal-altar maġġur, bnewlha altar b'niċċa fuqu. Fis-16 ta' Mejju 1621, waqt viżta pastorali mill-Isqof Baldassere Cagliares, saret deskrizzjoni ta' dan l-altar u saħansitra referenza partikulari għad-devozzjoni li kien iqanqal. Hija l-imħabba lejn il-Bambina li ssukktat toktor matul is-snin.

### L-istatwa f'pellegrinaġġi

Meta missirijietna ħassew il-bżonn li Alla jieqaf magħhom, b'mod speċjali fiż-żminijiet ta' xi flaġell, pellegrinaġġi bl-istatwa ta' Marija Bambina ġieli saru mill-Isla anki lejn xi postijiet imbiegħda.

Fil-pesta l-kbira tal-1676, meta 'l fuq minn 11,000 inħasdu mill-minġel tal-mewt, fil-belt tal-Isla kienu mietu jew mardu s-saċerdoti kollha. Sabiex Alla jieqaf magħhom, in-nies tal-Isla bdew jiċċelebraw, b'rabta ta' qima lejn il-Bambina, 12-il Sibt qabel il-festa tagħha. Tul dawn is-Sibtijiet, ħafna kienu jżidu fit-talb, isumu, jagħmlu opri ta' karità mal-foqra u jersqu lejn it-tqarbin.

Meta, fl-1718, nixfa kbira waqgħet fuq il-gżejjer tagħna, fl-10 ta' April sar pellegrinaġġ bil-Bambina mill-Isla sal-knisja ta' Santa Marija Tal-Ħlas, f'Ħal Qormi. L-istess flaġell ġara fl-1732, u din id-darba sar pellegrinaġġ bil-Bambina għall-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja, f'Ħaż-Żabbar. Għal darb'oħra, Marija interċediet quddiem Alla u lil missirijietna ipprovditilhom abbundanza ta' ilma fost il-ferħ u l-kuntentizza ta' kulħadd.

Fis-1720, il-Bambina ġiet inkurunata għall-ewwel darba b'kuruna tal-fidda. Dan kollu juri x-xewqa kbira u bikrija tal-poplu Senglean li jara lill-Bambina tiegħu inkurunata solennement f'digriet tal-Vatikan.

Ċaqliq mhux tas-soltu, fis-sena 1757, għamel li missirijietna bassru li ma kellux idum ma jseħħ xi terremot. Kif kien nistenni, inħassu tempesti kbar tar-riħ, kollox beda jinqaleb u ġġarrfu anki xi djar. Ħafna ħarġu minn djarhom u fittxew il-kenn f'postijiet aktar żguri. Il-kappillan Dun Fortunat Vella għamel pellegrinaġġ bil-Bambina għal Santa Marija tal-Porto Salvo tal-Isla.

Id-dinjità ta' Kolleġġjata kienet mixtieqa ħafna għall-ġid tal-parroċċa. Ix-xewqa ewlenija tal-Kolleġġjata kienet biex il-parroċċa jkollha servizz aħjar mill-kleru numeruż tagħha. Bis-saħħa tal-għajnuna mogħtija lilu



L-istatwa tal-Bambina qabel ma ġiet inkurunata solennement

minn Mons. Vinċenz Labini, Isqof ta' Malta, il-Papa Piju VI, fil-21 ta' Mejju 1786, iffirma l-Bolla li biha l-knisja ta' Marija Bambina fl-Isla ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata insinji.

F'April 1813, Malta reġgħet inħakmet minn flaġell ieħor tal-pesta. Is-Sengleani ħadu r-regoli tal-kwarantina b'serjetà kbira. Mill-ewwel beda jidher li, għalkemm is-sintomi kienu qed jinbtu f'kull belt u f'kull raħal tal-gżira, fl-Isla, għal xi raġuni, ma kien tfaċċa xejn. Is-Sengleani għamlu kulma kien umanament possibbli, iżda l-isforzi tagħhom ma waqfux hemm għax ma naqsux li jerħu lilhom infushom fil-ħarsien tas-sema.

Fit-8 ta' Awwissu, miġburin fil-Knisja Kolleġġjata u mmexxija mill-Arċipriet Vinċenz Cachia, huma għamlu numru ta' wegħdiet quddiem is-Santissmu Sagrament. L-ewwel waħda fosthom kienet li ġal-adarba l-pesta ma tidħolx fl-Isla, huma jagħmlu, għal darba, purċissjoni bl-istatwi tal-Bambina, tar-Redentur u ta' San Rokku sal-Knisja tad-Dumnikani, il-Birgu, hekk kif tieqaf il-pesta. L-Isla tabilħaqq inħelset għalkollox mill-pesta u s-Sengleani żammew kelmthom. Il-purċissjoni b'radd ta' ħajr saret fil-15 ta' Mejju 1814.

**għal paġna 17**



# L-istatwa fil-gwerra... u wara

**minn paġna 16**

### L-istatwa tiġi inkurunata

Ir-raġġiera li hemm wara dahar il-Bambina inħadmet mill-iskultur Mariano Gerada fis-snin bikrin tas-seklu 19, inksiet bil-fidda fl-1875 u tħallset minn Luigi Costù. Fl-1892, fuq disinn tas-Senglean Mastru Mikiel Degiovanni, saru l-bradella u l-bankun minn injam tal-ġewż interzjat u mżejna b'ornamenti tal-fidda. Fl-1903 sar il-pedestall tal-fidda, immudellat fuq dak oriġinali li kien inħadem minn Mariano Gerada fl-1804.

Wara li fl-1 ta' Mejju 1920 inħareġ ir-reskritt tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina, ħafna wrew ix-xewqa li t-titlu ta' Bażilika jingħata b'rabta mal-Inkurunazzjoni. Fit-3 ta' Jannar 1921, il-Papa Benedittu XV ħareġ id-dokumenti tal-erezzjoni tal-Knisja Kolleġġjata tal-Isla bħala Bażilika.

Issa li t-titlu ta' Bażilka kien ingħata, kulħadd ikkonċentra l-isforzi tiegħu lejn il-ġrajja tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina. L-ispiża ewlenija kienet se tkun il-kuruna għal fuq ras il-Bambina. Il-kuruna tad-deheb u mżejna bid-djamanti u l-ħaġar prezzjuż *inħadmet bis-saħħa tal-għotjiet* ġenerużi tal-poplu Senglean.

L-istatwa ġiet indurata u fil-libsa saru *ornamenti bil-ħaġar* prezzjuż. Ġanni Farrugia irregala lill-Bambina sandli tad-deheb bid-djamanti, filwaqt li l-aħwa Pulo ħallsu għall-kisi bil-fidda tal-globu ta' taħt l-istatwa. Ġew indurati l-ġwienaħ tal-anġli tal-istess globu u l-erba' profeti li qegħdin fuq il-pedestall. Mastru Mikiel De Giovanni għamel disinn għall-altar ta' quddiem il-Bambina li nħadem fl-injam tal-ġewż minn Mastru Pawlu De Giovanni.

Il-Kapitlu tal-Vatikan iddelega lill-Mons. Mawru Caruana OSB, Arċisqof ta' Malta, biex iqiegħed il-kuruna tad-deheb fuq ras l-istatwa ta' Marija Bambina. Taħt il-ħarsa ta' sodisfazzjon tal-Kan. Arċipriet Dun Ġużepp Adami u assistit mill-isqfijiet Angelo *Portelli u Ġwanni M. Camilleri*, huwa għamel dan nhar l-4 ta' Settembru 1921, waqt ċerimonja fix-Xatt tal-Isla.

### Il-versi tal-Innu

'Issa *ntemmet ix-xewqa ta'* qalbna, bil-kuruna fuq rasek *rajniek*', li *Dun Karm Psaila*, il-Poeta Nazzjonali, kiteb għal din l-okkażjoni, jesprimu mhux biss qima lejn il-Madonna, imma *wkoll sens ta' unanimità ta' folla* li kienet ilha tistenna li sseħħ ix-



Mons. Dom Mauro Caruana OSB, Arċisqof ta' Malta, jinkuruna lill-Bambina nhar l-4 ta' Settembru 1921

xewqa tagħha. L-Inkurunazzjoni hi għalhekk imfissra poetikament kemm bħala espressjoni ta' fidi u kemm bħala tifsira ta' identità ta' komunità sħiħa.

Fis-sena 1934, Mons. Emmanuel Galea, Segretarju Ġenerali tad-djoċesi ta' Malta, iben l-Isla, kiteb Innu Popolari f'ġieħ Marija Bambina. Ferdinandu Falzon, is-Surmast tal-mużika tal-Bażilika, adatta mużika għalih, u sal-lum dan għadu jitkanta b'entużjażmu fis-Santwarju ta' Marija Bambina. Ir-ritornell tiegħu hu:

Fuqna xerred, O Bambina
L-isbaħ grazzji, nitolbuk.
Biex kif aħna bik niftaħru,
Hekk tassew aħna nħobbuk.

Fl-istess sena, l-1934, sar is-sett ta' erba' anġli tal-fidda bil-brazzi bi tliet friegħi, għal fuq il-kantunieri tal-bradella tal-Bambina.

### L-istatwa fil-gwerra

Talb ferventi ġie indirizzat lill-Madonna, Reġina tal-Paċi, matul is-snin terribbli tat-Tieni Gwerra Dinjija. Wara l-bumbardamenti qawwija tas-16 ta' Jannar 1941, li matulhom il-Bażilika kienet serjament imħassra, kien imminenti li jitwarrab dak li seta' jitneħħa u jiġu salvati l-oġġetti ta' valur li kellha l-Kolleġġjata. Il-Kanonku Dun Emmanuel Brincat, l-arċipriet li qatt ma tbiegħed mill-Isla matul is-snin tal-gwerra, talab u sab post ta' kenn għall-Bambina. L-istatwa ttieħdet lejn il-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

It-tmien jum ta' Settembru kien minn dejjem wieħed mimli ferħ, imma dak tal-1943 kien wieħed partikulari. Peress li l-attakki mill-ajru kienu inqas spissi, l-istatwa tal-Bambina nġiebet lura lejn il-belt tagħha. Kien waqt il-purċissjoni bil-Bambina, qalb id-djar imġarrfa tal-Isla, li l-Arċipriet Brincat irċieva l-messaġġ tant mistenni li l-Italja Faxxita kienet ċediet bla kundizzjoni. B'hekk, it-tmiem tat-tbatija twila kien wasal u l-periklu kien tbiegħed minn Malta.

Għal tul ta' 14-il sena, bejn l-1944 u l-1957, l-istatwa tal-Bambina inżammet f'niċċa fuq l-ewwel altar fuq ix-xellug tal-altar maġġur tal-knisja tal-Porto Salvo tal-Isla, li kienet qed



L-istatwa ta' Marija Bambina, rigal mill-baħar lill-poplu Senglean, imżejna bl-ifjen kuruna, bl-isbaħ libsa u b'fergħa bi tliet wardiet f'riġlejha... ilkoll sinjal ta' fidi, tama u mħabba

isservi ta' parroċċa proviżjorja.

Fl-1946 ħabat il-25 anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Bambina. F'belt li kienet għadha qed tqum fuq saqajha wara snin ta' gwerra, ftit li xejn setgħu jsiru ċelebrazzjonijiet. Minkejja dan, dan l-anniversarju ġie mfakkar b'ċelebrazzjoni sempliċi u ħafifa fix-Xatt tal-Isla.

### L-istatwa lura fis-Santwarju tagħha

Il-Ħadd, 25 ta' Awwissu 1957 qanqal entużjazmu kbir meta, wara nofsinhar saret it-traslazzjoni tal-istatwa tal-Bambina mill-knisja tal-Porto Salvo għas-Santwarju tagħha mibni mill-ġdid. Il-purċissjoni solenni tmexxiet minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, assistit minn Mons. Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali u Isqof Awżiljarju ta' Malta. Meta l-istatwa tqiegħdet fuq iz-zuntier, quddiem il-bieb prinċipali tal-knisja sar diskors ta' merħba minn Mons. Rafel Capurro, oratur magħruf Senglean.

Fl-1971, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-Inkurunazzjoni, saret il-warda jew aħjar, fergħa ta' tliet wardiet tad-deheb, li tqiegħdet f'riġlejn il-Bambina nhar l-4 ta' Settembru mill-Kardinal Giacomo Lercaro, megħjun mill-Kan. Dun Ġwann Sladden, Arċipriet tal-Isla.

Bejn is-snin 1984 u 1996, sar il-kisi bil-pjanċa tal-fidda u d-deheb tal-libsa u l-mant tal-Bambina. Din l-opra unika, magħmula mill-arġentier Senglean Vanni Bartolo, iżżanżnet, fl-intier tagħha fl-okkażjoni tal-festi solenni tal-75 anniversarju tal-Inkurunazzjoni u tbierket minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, assisitit mill-Kan. Arċipriet Dun Vinċenz Cachia, nhar l-4 ta' Settembru 1996.

Din is-sena, l-2018 hija wkoll waħda speċjali għall-parroċċa tal-Isla. Fiha qed jiġi mfakkar u ċċelebrat ir-raba' ċentinarju mill-wasla providenzjali tal-istatwa ta' Marija Bambina fl-Isla. Hu ta' ġieħ kbir għall-poplu Senglean li sa minn meta waslet fostna l-Bambina, ulied din il-belt dejjem urew qima u devozzjoni kbira lejn din ix-xbieha għażiża – devozzjoni u qima illi aħna lkoll fid-dmir li ngħadduhom lil dawk li ġejjin warajna.